# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**ONOR. IMĦALLEF GIANNINO CARUANA DEMAJO**
**President**
**ONOR. IMĦALLEF TONIO MALLIA**
**ONOR. IMĦALLEF ANTHONY ELLUL**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 12 ta' Mejju, 2022.**

**Numru 10**

**Rikors numru 902/14/1 MCH**

**Cassar Fuel Limited (C28453)**

**v.**

**Awtorita` tat-Trasport F'Malta.**

**Il-Qorti:**

1. Rat ir-rikors ġuramentat tas-soċjeta` Cassar Fuel Limited tas-17 ta' Ottubru 2014, li permezz tiegħu jingħad:

> "1. Illi s-socjeta rikorrenti debitament ipprezentat mandat ta' arrest numru 1262/14 mandat mitlub sabiex jikkawtela kreditu dovut mill-istess bastiment MV Madra IMO numru 8918710 liema mandat gie intavolat fis-19 ta' Awwissu 2014.

2. Illi permezz tal-mandat ta' arrest debitament pprezentat u mitlub lil Prim Awla tal-Qorti fis-19 ta' Awwissu 2014 l-istess Qorti b'digriet taghha hawn anness u mmarkat dokument A, akkordat il-hrug tal-mandat u arrest tal-vapur MV Madra liema mandat ta' arrest kien validalment notifkat sija lil-istess bastiment u sija lill-istess Awtorita intimata kif jikkonfermaw Dokumenti B u C hawn annessi.

3. Illi l-istess digriet u arrest effettiv gie debitament notifikat kif dirett mill-istess Onorabbli Qorti u l-istess Marixalli tal-Qorti accedew fuq l-istess vapur irmiggat fl-ibhra territorjali Maltin, sabiex innotifikaw lill-istess vapur u l-kaptan tieghu Ali Yilmaz li ghandu l-passaport Tork numru U09053427 direttament minghajr ma gew elevati ebda dokumenti tal-istess vapur stante li dawn kienu diga gew precedentement elevati u maqbuda bil-mandat numru 1255/14 mitlub u akkordat mill-istess Onorabbli Qorti min kredituri ohrajn u l-istess dokumenti elevati jinstabu fil-pussess tar-Registratur tal-Qrati ta' Malta.

4. Illi l-Awtorita intimata hija l-awtorita kompetenti skond il-ligi ai termini tal-artikolu 857 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta u hija l-istess Awtorita intimata li ghandha s-setgha u l-kontroll fuq l-istess bastiment arrestat u hija l-Awtorita appuntata skond il-ligi bir-responsabilta taz-zamma u osservanza tal-mandat u hija unikament responsabbli tiehu dawk il-passi u mizuri mehtiega sabiex il-bastimenti jibqghu taht il-mandat tal-Qorti fit-territorju Malti . Dan huwa dettaljat minghajr ebda ekwivoku fl-imsemmi artikolu tal-ligi (artikolu 857(2)) u ghalhekk huwa car u manifest l-obbligu mpoggi fuq l-istess Awtorita l-kompitu, dover u responsabilta illi tara illi l-imsemmi bastiment jibqa’ arrestat fit-territorju Malti u hija mghotija poteri tiehu dawk il-mizuri kollha biex tassikura li l-istess bastiment arrestat jibqa’ josserva l-ordni tal-Prim Awla tal-Qorti bid-digriet ta' arrest tal-imsemmi bastiment.

5. Illi d-dokumenti elevati mill-Marixaill tal-Qorti jikkonsistu f'Dokument D, E u F li kopja taghhom hija hawn ppresentata.

6. Illi ma jidhirx, anzi jirrizulta illi l-passaport tal-kaptan u l-ekwipagg ma gewx elevati u maqbuda fattur li setgha jkun strumentali u jzomm l-istess bastiment milli jahrab mill-gurisdizzjoni Maltija u jahrab mill-arrest. Illi mid-dokumenti elevati mill-Marixxalli tal-Qorti jidher illi gew elevati tlett dokumenti li jintsabu taht l-Awtorita tal-Qorti meta bastiment generalment jkollu diversi anzi kwantita ta' dokumenti ta' titolu li setghu gew elevati sabiex jzommuh aktar milli jista’ jahrab mit-territorju Malti.

7. Illi l-Awtorita intimata irrizultala illi l-istess bastiment arrestat ufficjalment b'digriet ta' din l-Onorabbli Qorti fit-23 ta' Awwissu 2014 allegatament tefa' s-sistema tan-navigazzjoni bis-satellita u l-istess vapur harab mill-ibhra territorjali Maltin u min taht l-awtorita tal-istess Awtorita intimata.

8. Illi dan l-istat ta' fatt gie debitament ikkonfermat mill-Awtorita tat-Trasport f'Malta (Transport Malta) issa intimata fil-25 ta' Awwissu 2014, li hija l-awtorita nkarigata ufficjalment u skond il-ligi ai termini tal-artikolu 857(2) tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta bhala l-awtorita kompetenti li ghandha l-kustodja u l-kontroll ta' kull vapur arrestat.

9. Illi l-istess Awtorita intimata sallum ma nfurmatx ufficjalment lis-socjeta attrici b'ebda dettalji tal-akkadut u wisq anqas rrapurtat u fornit dettalji fejn jista' jkun l-istess bastiment.

10. Illi ghalkemm interpellata ufficjalment permezz ta' protest gudizzjarju hawn anness u esebit bhala Dokument G debitament notifikat lill-Awtorita intimata fit-3 ta' Settembru 2014 baqghet inadempjenti u ma pprezentat ebda risposta jew kontroprotest.

11. Illi jirrizulta ghalhekk ampju r-responsabilta tal-istess Awtorita intimata li ppermettiet illi l-imsemmi vapur arrestat jahrab mit-territorju Malti meta kien l-uniku garanzija li jassikura l-kreditu dovut lis-socjeta ai termini tal-imsemmi mandat liema kreditu jammonta ghall-mija u tlieta u tletin elf seba' mija u sbatax-il euro u tmenin centezmu (€133,717.80).

12. Illi di piu s-socjeta attrici inkorriet l-ammont ta' sitt mitt euro (€600.00) sabiex esegwiet l-mandat ta' arrest u eskortat lill-marixxaill tal-Qorti fuq l-imsemmi vapur biex jaghmlu n-notifiki kif jirrizulta min Dokument TM2 hawn anness u esebit.

Ghaldaqstant is-socjeta attrici tinstab kostretta tinterpellaha sabiex l-Awtorita tersaq ghall-hlas u likwidazzjoni tad-danni kollha rizultanti fl-ammont ta' mija u erbgha u tletin elf tlett mija u sbatax-il euro u tmenin centezmu (€134,317.80) piu kull spejjez ulterjuri li hija sejra u tinstab tinkorri minhabba n-nuqqas tal-Awtorita jew kull somma ohra verjuri li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tillikwida bhala danni.

Ghaldaqstant, ghar-ragunijiet premessi, jghidu s-socjetajiet intimati, ghaliex dina l-Onorabbli Qorti ma ghandhiex, prevja kull dikjarazzjoni necessarja u opportuna:

1). Tiddeciedi din l-kawza u ssib lill-Awtorita intimata responsabbli ghad-danni kollha rizultanti fl-ammont ta' ta' mija u erbgha u tletin elf tlett mija u sbatax-il euro u tmenin centezmu (€134,317.80 ) piu kull spejjez ulterjuri li hija sejra u tinstab tinkorri minhabba n-nuqqas tal-Awtorita jew kull somma ohra verjuri li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tillikwida bhala danni.

2). Tiddikjara illi l-Awtorita intimata ghandha taghti u thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' mija u erbgha u tletin elf tlett mija u sbatax-il euro u tmenin centezmu (€134,317.80 ) piu kull spejjez ulterjuri li hija sejra u tinstab tinkorri minhabba n-nuqqas tal-

Awtorita jew kull somma ohra verjuri li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tillikwida bhala danni.

3). Tikkundanna lis-socjeta intimata thallas lis-socjeta rikorrenti s-somma ta' mija u erbgha u tletin elf tlett mija u sbatax-il euro u tmenin centezmu (€134,317.80) piu kull spejjez ulterjuri li hija sejra u tinstab tinkorri minhabba n-nuqqas tal-Awtorita jew kull somma ohra verjuri li din l-Onorabbli Qorti joghgobha tillikwida bhala danni u dana oltre l-imghaxijiet kummercjali sad-data tal-pagament.

Bl-ispejjez kollha, inkluzi dawk tal-mandat ta' arrest numru 1262/14, tal-protest gudizzjarju 361/14, ta' dawn il-proceduri u inkluz l-imghaxijiet kummercjali dekorribbli mid-data tal-imsemmi mandat ta' arrest sad-data tal-pagament effettiv tas-somma kollha kontra l-istess intimat bastiment, li huwa minn issa ngunt ghas-subizzjoni."

2. Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenuta Awtorita` għat-Trasport f'Malta tal-14 ta' Novembru, 2014, li permezz tagħha ġie eċċepit is-segwenti:

"1. Preliminarjament, l-Awtorita teccepixxi l-konnessjoni tal-kawzi ai termini tal-artikolu 793 stante li gia hemm pendenti quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta proceduri dwar l-istess fatti ipprezentata ai termini tal-artikolu 865(1) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta illi fiha l-attrici qed tippretendi l-hlas ta' penali bhala konsegwenza tat-tluq tal-bastiment MV Madra [752/2014MCH fl-ismijiet Cassar Fuel Limited vs MV Madra IMO 8918710] u li fiha l-Awtorita hija wkoll parti;

2. Preliminarjament ukoll, l-intempestivita tal-kawza odjerna stante illi l-attrici Cassar Fuels Limited ghadha ma gietx kanonizzata kreditrici tal-bastiment MADRA, tant li hemm pendenti quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta proceduri ohrajn kontra l-bastiment dwar il-hlas pretiz [775/2014JPG, li fiha pero l-Awtorita mhix parti];

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, ghandha tissejjah fil-kawza il-kumpanija Dimar Shipping Agency Limited [(C-49356], biex qua agent lokali tal-bastiment tirrispondi ghall-allegazzjonijiet li qed isiru;

4. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, u fil-mertu, l-Awtorita tirrespingi l-allegazzjonijiet tal-attrici bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u tichad kategorikament li kien hemm xi nuqqasijiet min-naha taghha li jaghtu lok ghal responsabbilita ghal danni;

> 5. Illi, fil-mertu wkoll, *dato ma non concesso* li kien hemm xi nuqqas min-naha tal-Awtorita jehtieg li jintwera jekk kienx hemm responsabbilta kontributorja ta' terzi li mhumiex parti fil-kawza. F'dan ir-rigward, l-esponenti tirrileva *inter alia* li ex admissis kien il-kaptan li volontarjament harab mill-ibhra territorjali Maltin wara li tefa' s-sistema ta' *satellite tracking*. Tirrileva wkoll illi safejn l-attrici qed tilmenta minn allegati nuqqasijiet fil-mument tan-notifika u/jew elevazzjoni ta' dokumenti, ma ghandhiex tahti l-Awtorita izda semmai r-Registratur tal-Qrati;
>
> 6. Fi kwalunkwe kaz trid issir prova illi l-attrici sofriet danni;
>
> 7. Jehtieg issir ukoll prova tal-*quantum* tad-danni;
>
> 8. Salv eccezzjonijiet ohra permissibbli mil-ligi.
>
> Bl-ispejjez."

3. Rat is-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tal-20 ta' Ġunju, 2017, li permezz tagħha l-kawża ġiet deċiża fis-sens illi ċaħdet l-eċċezzjoni tal-Awtorita` dwar l-intempestivita` tal-azzjoni u tiċħad it-talbiet attriċi. Spejjeż għas-soċjeta` attriċi.

4. Dik il-Qorti tat is-sentenza tagħha wara li għamlet is-segwenti konsiderazzjonijiet:

> "Din hi kawza ghad-danni li s-socjeta attrici qed tghid li sofriet htija tal-Awtorita ghat-Trasport li wara mandat ta' qbid kawtelatorju tal-vapur MV Madra mahrug mill-Qorti wara talba tas-socjeta attrici ghax l-Awtorita naqset fid-dmir taghha bhala l-Awtorita li tahtha kellha l-kontroll tal-vapur tassikura li l-ordni tal-Qorti tigi osservata u ma tippermettix li jonqos mill-kustodja taghha senjatament mill- ibhra territorjali l-oggett tal-qbid li hu l-vapur. Is-socjeta attrici tirreleva li ghandha pretensjoni in rem kontra l-vapur naxxenti minn konsenja ta' servizzi lill-istess vapur fl-ammont ta' €133,717.80 (ara rikors ghal mandat ta' arrest fol. 10 tal-process).
>
> Fatti
>
> Darren Marmara, chief executive officer tas-socjeta attrici qal li huma kellhom ftehim ghal fornitura ta' fuel bunker lil MV Madra fit-18 ta' Awwissu 2014. Il-konsenja saret sad-19 a' Awwissu. Il-kaptan ma

riedx jiffirma l-bunker delivery receipt ghax sostna li kien hemm xi diskrepanzi fil-konsenja. F'kazijiet simili jitqabbad independent surveyor li kkonferma li ma kienx hemm diskrepanzi flammont ta' fuel supplit. Billi l-kaptan xorta irrifjuta li jiffirma l-bunker delivery receipt, sar il-mandat ta' qbid 1262/2014 kontra l-vapur fid-19 ta' Awwissu 2014. Hu xehed li waqt li kienet issir il-konsenja tal-fuel is-socjeta attrici saret taf b'mandat iehor ta' terzi kontra l-vapur. Sussegwentement il-kaptan iffirma l-fuel reciept ghal €81,205.78 pero in-negozjati ghal hlas mas-sidien ma wassalx ghal hlas. Minhabba d-dewmien kawzat biex jigi ffirmat id-delivery receipt il-vapur tas-socjeta attrici li kien irmonkat mal-vapur, ma setghax jaghmel konsenji lil vapuri ohra u b'hekk kien hemm telf ta' €73,039. Il-mandat kien l-uniku garanzija ta' hlas. L-Awtorita ghat-Trasport appuntata mill-ligi biex izzomm taht il-kontroll taghha l-vapur bl-effetti tal-mandat skond artikolu 851 tal-Kap. 52 naqset milli tiehu l-mizuri biex taghmel dan. Qal li ma rrizulta ebda rapport formali lil forzi armati biex jirrintraccja lil vapur. Jirrizulta li xi xhur qabel harab vapur iehor minn Malta u l-Awtorita ma introduciet ebda mizura ulterjuri tas-sigurita biex dan ma jergax isehh.

Fir-rikors promotur jinghad illi l-passaport tal-kaptan u l-ekwipagg ma giex elevat b'effett tal-mandat izda biss id-dokumenti li gew elevati bil-mandat li sar qabel minn terzi numru 1255/2014 cioe c-certifikat ta' registrazzjoni tal-vapur registrat fil-Belise u l-hull class certificate.

Jirrizulta mill-provi prodotti f'dan ir-rikors u fil-kawza Cassar Fuel Limited vs Awtorita tat-Trasport f'Malta (902/2014) li l-provi fiha jghoddu f'din il-kawza u vice versa illi l-vapur Madra kien ormeggjat f'area 3 west, xi disa' mili mill-kosta Maltija. Emiliano Frau, supervisor tal-Vessel Tracking Services fil-Valletta Port Control qal li huma jassenjaw il-berths ghal vapuri u jzommuhom taht sorveljanza b'automatic information system bir-radar. Xi hin wara l-10.00pm fit-23 ta' Awwissu 2014 induna li l-echo radar wara t-tracking system tal-vapur kienet qed ticcaqlaq li mhux normali ghax it-tracking system hi assocjata mar-radar. Huma allartaw il-forzi armati b'kuntatt telefoniku dirett. Zied li qabel dan dehret automatic information system AIS gdida bl-istess isem tal-vapur li pero ghall-ewwel hasbu li kien xi peskaregg Taljan fl-ibhra Maltin kif gieli gara. Dan pero seta' kien indikattiv ta' xi tracking system falza. Sadattant ippruvaw jikkomunikaw mal-bastiment pero bla success. Ikkomunikaw ukoll mal-agent li ma rnexxilhomx anqas jikkomunikaw mal-vapur. Minn-naha taghha l-Awtorita baghtu 'blind message' lil vapur biex jirritorna f'postu izda ma hadux risposta. Blind message huwa messagg miftuh f'kaz li jkun hemm hsara f'apparat ta' kommunikazzjoni tal-vapur. Meta kkuntattjaw lil forzi armati dawn qalulhom li kienu baghtu patrol boat tinvestiga. Gie esebit il-log ufficjali ta' dan kollu markat Dok. RV2 a fol. 73 tal-process.

Dr Robert Vassallo, compliance manager fid-Direttorat tal-Portijiet u rapprezentant tal-Awtorita tat-Trasport xehed illi mindu gie maqbud il-

bastiment Madra fid-19 ta' Awwissu 2014, l-istess vapur ma ccaqlaqx qabel l-24 ta' Awwissu 2014 meta nqala' dak li nqala'. Li kieku iccaqlaq qabel, it-tracking system kien jindikah. Zied li meta jigi ricevut mandat ta' arrest ta' bastiment tigi nfurmata mill-ewwel it-turretta biex jikkomunikaw mal-bastiment, jigi notifikat il-port operations u jigu notifikati wkoll l-awtoritajiet l-ohra fosthom l-armata. Oltre dan gie sussegwentement notifikat il-pajjiz tal-bandiera tal-vapur cioe il-Belize u harget International Prohibition of Sailing Order wara li l-vapur halla l-ibhra Malta. Hu zied illi s-sistema ta' tracking li tigi abbinata mal-vapur hi open source u hemm il-possibilta illecita li l-kaptan tal-bastiment jista' jidhol fiha u jbiddel l-isem tal-vapur. X'aktarx hekk gara f'dan il-kaz ghax fil-vicinanzi kien hemm bastiment iehor u taht il-koperatura tieghu biddel l-isem biex iqabblu ma' dan u beda jcaqlaq il-vapur mnejn kien wieqaf. Il-vapur inzamm fit-Turkija jew Cipru pero s-sidien bidlu l-bandiera tal-vapur u l-prohibiton order ma baqghetx tapplika. Ix-xhud qal li qabel il-mandat odjern il-vapur kien gia inqabad b'mandat iehor Malta 1255/2014 fejn id-dokumentazzjoni tal-vapur kienet gia inqabdet permezz tal-imsemmi mandat.

Il-Qorti hi tal-fehma illi gie ppruvat illi l-kaptan tal-vapur MV Madra ivvjola l-ordni ta' qbid li kellu l-vapur u harab mill-ibhra territorjali Maltin biex jevita l-effetti tal-mandat li kienu japplikaw ghat-territorju Malti.

Konsiderazzjonijiet

Il-Qorti tqis ili din il-kawza qed issir fi zmien meta s-socjeta attrici ghandha pretensjoni ta' kreditu kontra l-vapur MV Madra liema kreditu ghadu mhux kanonizzat permezz ta' sentenza tal-Qorti. Jidher li l-kawza in kwistjoni fl-ismijiet Cassar fuel Limited vs MV Madra ghadha mhix deciza (Citaz. 775/2014JPG). Fil-fatt l-Awtorita qed tikkontendi li din il-pretensjoni ma tistax taghti lok ghal danni fil-konfront tal-Awtorita ghax tali pretensjoni ghadha mhix pruvata.

Din il-Qorti tqis li l-Awtorita ma ghandhiex ragun sa barra f'dan l-argument. Ghalkemm il-pretensjoni mhix kanonizzata izda a bazi tal-pretensjoni inhareg il-mandat ta' qbid tal-vapur, liema mandat kien responsabbli ghaz-zamma tieghu l-istess Awtorita kif trid il-ligi fl-artikolu 856 tal-Kap. 12 abbinat mal-artikolu 857. Kwindi jekk hu minnu li l-Awtorita naqset fid-dmir taghha hi tista' tkun responsabbli fil-konfront tas-socjeta attrici jekk il-garanzija ghas-sarfien tal-kreditu pretiz safa' nieqes htija tal-istess Awtorita li kienet responsabbli ghaz-zamma fic-cert tal-istess garanzija.

Bhal kull kawza ohra ghad-danni extra kontrattwali sta ghal parti li qed tallega li tipprova n-ness bejn l-event dannuz u d-dannu inkors li jrid ikun attribwibbli ghal konvenut li kontrih qed issir il-kawza.

L-artikolu 856 tal-Kap. 12 jghid hekk:

> 856. (1) Il-mandat ta' arrest ikollu l-effett li jaqbad il-bicca tal-bahar ta' 'il fuq minn ghaxar metri minghand id-debitur kif ukoll li jissekwestra l-istess ghand l-awtorita li f'idejha tinsab, kif ukoll li jordna li l-istess awtorita ma tirrilaxxax il-bicca tal-bahar jew li tippermetti lid-debitur milli b'xi mod jitlaq mill-pussess tieghu l-istess fis-shih jew in parti jew li jaghti jew icedi xi drittijiet fuq l-istess.
>
> (2) Il-mandat huwa ezegwit ghall-effetti kollha tal-ligi man-notifika tal-ufficjal ezekuttiv tal-awtorita li f'idejha jew taht is-setgha jew kontroll taghha tinsab il-bicca tal-bahar.
>
> (3) Kopja tal-mandat ta' arrest ghandha tigi notifikata lill-persuna li l-vapur jew il-bastiment taghha jkun gie arrestat, il-kaptan jew persuna ohra li tkun responsabbli ghal dak il-vapur jew bastiment, jew l-agent ta' dak il-vapur jew bastiment.

Gie ippruvat illi l-Awtorita giet notifikata bhala sekwestratarju bil-mandat ta' qbid tal-vapur li kien jinsab f'idejn l-Awtorita. Dan il-kontroll jew setgha, johrog minn qari tal-artikolu 857(2) u (3) li jghidu hekk

> (2) Ghall-finijiet ta' dan il-mandat l-Awtorita ghat-Trasport f'Malta jew kull awtorita ohra li tista' minn zmien ghal zmien tigi hekk nominata mill-Ministru titqies bhala l-awtorita li jkollha f'idejha jew taht is-setgha jew kontroll taghha l-vapur jew il-bastiment arrestat.
>
> (3) Bastiment jitqies li jkun taht is-setgha u l-kontroll tal-Awtorita ghat-Trasport f'Malta hekk kif dak il-bastiment jidhol fl-ibhra territorjali ta' Malta.

Din in-notifika imponiet fuq l-Awtorita l-obbligu skond l-artikolu 857(1) illi ggib a konjizzjoni ta' terzi l-ordni fil-mandat. Oltre dan l-artikolu 856 jimponi fuq l-Awtorita li ma tirrilaxxax il-bicca tal-bahar jew tippermetti milli jitlaq mill-pussess taghha l-istess jew iccedi drittijiet fuqu.

L-attur ipprova illi l-vapur harab minn Malta. Qed jikkontendi li dan sar ghax l-Awtorita ma esegwietx kif imiss l-obbligu taghha.

Jidher mix-xiehda mhix kontradetta ta' Dr Robert Vassallo illi l-Awtoritajiet cioe t-turretta, il-port operations u l-armata gew notifikati bil-mandat. Oltre dan hemm metodu ta' sorveljanza tal-istess vapur ankrat fl-ibhra Maltin bis-sistema ta' radar li jissorvelja jekk il-vapur iccaqlaqx minn postu bla awtorizazzjoni.

Jirrizulta wkoll illi l-Awtorita ma irrilaxxjatx jew telqghet mill-pussess taghha l-vapur, la konxjament u anqas bi zball.

Il-kwistjoni hi jekk ippermettietx li l-vapur jitlaq mill-ibhra Maltin ghax kienet negligenti jew naqset fid-dmir ta' kontroll li kellha bhala sekwestratarju.

Jirrizulta mill-informazzjoni moghtija fil-kawza illi l-kaptan tal-vapur uza mezzi illeciti biex jipprova jevadi s-sistema tar-radar. Il-log ta' sorveljanza esebit f'dawn l-atti Dok. AX1 a fol. 96 tal-process li jkopri l-perjodu qabel u wara l-qbid cioe mit-18 sal-24 ta' Awwissu 2014 juri l-movimenti li saru. Il-vapur kien gia maqbud u ankrat f'zona partikolari tal-ibhra Maltin cioe disa' mili mill-kosta izda fl-ibhra Maltin. Jidher li fit-23 ta' Awwissu 2014 fit-22.09 l-Awtorita innotat li kien hemm diskrepanza fir-radar tracking tal-vapur u li kien jidher li kien hemm vapur iehor fl-istess zona li kien qed jiccaqlaq lejn il-lvant. Minhabba suspetti li din kienet xi manuvra illecita tal-vapur, zewg muniti wara giet informata l-armata li jista' jkun hemm possibilita li l-vapur kien qed jipprova jahrab. Ippruvaw isiru kuntratti mal-vapur bla success u erba' minuti wara talbu informazzjoni dwar il-vapur minn vapuri ohra fil-qrib li infurmawhom li probabilment qed isalpa. Sadattant wara verifiki li saru fuq il-vapur li suppost kien qed ibahhar fl-istess zona skond it-tracking system, irrizulta li dan kien biss tracking falz kawzat mill-kaptan tal-vapur Madra. Fit-22.23 l-armata informat lil Awtorita li l-patrol boat P21 kien qed jipprocedi fiz-zona biex jinvestiga. Sar kuntatt immedjat mal-agent tal-vapur li wkolll ipprova jikkontattja l-vapur bla success. L-armata baqghet sal-ghada filghodu tfittex il-vapur fl-ibhra Maltin bla success.

Jidher mill-provi illi l-Awtorita kellha radar tracking system biex tissorvelja l-vapur, u l-kaptan b'mod illegali u in mala fede skavalka s-sistema biex ikun jista' jsalpa. L-Awtorita indunat b'anomalija fis-sistema ta' tracking u hadet azzjoni immedjata fi ftit minuti u avzat lil armata li entro ghoxrin minuta kienet gia baghtet patrol boat lejn iz-zona.

Kuntrarjament ghal sekwestru normali ta' flus jew oggetti mobbli kif irid l-artikolu 376(2)(d) tal-Kap. 12 u l-obbligu ta' depositu impost fuq is-sekwestratarju skond l-artikolu 378 is-sekwestru ta' vapur jimponi fuq is-sekwestratarju, cioe l-Awtorita obbligu ta' kontroll fuq il-vapur li mhux wiehed facilment ezercitabbli b'mod prattiku ghal diversi ragunijiet fosthom il-kobor tal-oggett sekwestrat, li ghalkemm il-kontroll ikun f'idejn l-Awtorita izda l-pussess jibqa' f'idejn min qed jiehu hsieb il-vapur fizikament cioe l-kaptan u l-ekwipagg. Ghalhekk l-ilment ta' diligenza u negligenza jridu jitqiesu f'dan il-kuntest.

Il-Qorti qieset l-argumenti migjuba mill-partijiet bhala ragunijiet pro u kontra ghal mezzi ta' kontroll fuq il-vapur. Il-Qorti tqis illi dawn il-fatturi ma jaghtux aktar sahha lit-tezi attrici. Jibda biex jinghad illi l-postijiet ta' irmigg ta' vapuri maqbuda jew sorguti ghal zmien indefinit hu ben delinejat fl-ibhra Maltin u dan ghaliex l-ammont ta' vapuri li jidhlu fil-portijiet taghna mhumiex ftit u jrid jinzamm passagg sigur u liberu f'kull hin biex jidhlu l-vapuri fil-portijiet taghna, f'dik li jissejjah 'port approach'. In oltre mhix fattibbli s-sottomissjoni tal-atturi li l-bastiment jigi 'disabled' biex ma jkunx jista jahrab u dan peress illi tali soluzzjoni tista' taghti lok ghal periklu serju ghal ekwipagg u l-bastiment innifsu

jekk f'kaz ta' maltemp jew emergenza l-bastiment ikollu bzonn jiccaqlaq b'urgenza.

Maghdud dan il-Qorti ma tirraviza ebda negligenza fl-operat tal-Awtorita. Hi ghamlet dak kollu ragonevoli biex izzomm kontroll tal-vapur u jekk dan il-kontroll ma nzammx ma jistax jitqies bi htija tal-Awtorita izda tal-azzjoni illegali u bil-habi u qerq tal-kaptan tal-vapur. L-Awtorita kienet diligenti fis-sorveljanza taghha u l-logs juru dan tan li hadet passi immedjati fi ftit minuti biex tipprova zzomm lil vapur ihalli l-ibhra Maltin. Di piu wara li rrizulta li l-vapur kien hareg mill-ibhra Maltin hadet hsieb li jinhareg international sailing prohibition order mil-pajjiz ta' registrazzjoni tal-vapuri cioe l-Belise fit-28 ta' Awwissu 2014 (fol. 72 tal-process).

Is-socjeta attrici tallega li l-passaporti tal-kaptan u l-ekwipagg ma ttehdux min ghandhom u in oltre li d-dokumenti maqbuda b'mandat precedenti cioe 1255/14 kienu kopji u mhux l-original. Il-Qorti tqis illi l-Awtorita hi biss is-sekwestratarja tal-vapur u semmai tali ordni jew esekuzzjoni taghha kellha tigi minn min talab il-hrug tal-mandat jew mill-istess ufficjali tal-Qorti li kienu qed jesegwixxu l-mandat jekk tali talba tkun saritilhom u milqugha mill-Qorti, li ma jidhirx li kien il-kaz.

Il-Qorti tqis li ghalkemm is-socjeta attrici ippruvat id-dannu cioe t-tluq mill-ibhra Maltin tal-vapur MV Madra maqbud mill-Qorti fuq talba taghha, ma giex pruvat in-ness kazwali bejn id-dannu u l-kawza tieghu li allegatament kien in-nuqqas tal-Awtorita fl-adempiment tad-doveri taghha. Dan ma rrizultax u l-azzjoni ma tistax tirnexxi."

5. Rat ir-rikors tal-appell tas-soċjeta` attriċi appellanti li permezz tiegħu talbet illi din il-Qorti tħassar u tirrevoka s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-20 ta' Ġunju, 2017, billi tiċħad l-eċċezzjonijiet ta' l-Awtorita` għat-Trasport f'Malta u tilqa' t-talbiet tas-soċjeta` appellanti u tordna u tikkundanna l-ħlas mill-Awtorita` a favur l-istess soċjeta` appellanti fl-ammont ta' €134,317.70, bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellata.

6. Rat ir-risposta tal-appell tal-Awtorita` appellata li permezz tagħha tissottometti li l-appell tal-attriċi Cassar Fuel Limited għandu jiġi miċħud bl-ispejjeż kontra tagħha.

7. Semgħet lid-difensuri tal-partijiet jitrattaw l-appell in eżami;

8. Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti esebiti, nkluż dawk fil-proċess 752/2014;

Ikkonsidrat:

9. Illi dan il-każ jitratta talba da parti tas-soċjeta` attriċi għall-ħlas tad-danni mingħand l-Awtorita` appellata, wara li l-bastiment Madra li kien milqut b'mandat ta' arrest ta' bċejjeċ tal-baħar (1262/2014) ħarab minn Malta minkejja l-imsemmi mandat. Dan il-mandat inħareġ fid-dawl tal-kreditu pretiż mis-soċjeta` rikorrenti għal *bunkers* forniti minnha tal-valur ta' €60,678.31, kif ukoll għas-somma ta' €73,039.49 konsistenti f'*demurrage fees stante* li l-vapur tal-attrici ma setax jinqala' minn mal-bastiment Madra, peress li l-kaptan irrifjuta li jiffirma d-dokument tal-konsenja u €600 spejjeż oħra li l-attrici nkorriet sabiex eżegwiet il-mandat ta' arrest u skortat lill-Marixxalli tal-Qorti fuq l-imsemmi bastiment. Kwindi s-soċjeta` attriċi qiegħda żżomm lill-Awtorita` konvenuta responsabbli għad-danni, peress li hija l-Awtorita` responsabbli appuntata mil-liġi għaż-

żamma u osservanza tal-istess mandat. Għalhekk l-attriċi titlob li l-Awtorita` konvenuta tiġi dikjarata responsabbli għad-danni li hija ġarrbet li jingħad li jammontaw għat-total ta' €134,317.80.

10. Da parti tagħha l-Awtorita` konvenuta tiċħad il-pretensjonijiet tal-attriċi bħala intempestivi, ġialadarba hija għadha ma ġietx kanonizzata kreditriċi tal-bastiment Madra; li għandha tissejjaħ fil-kawża Dimar Shipping Agency sabiex bħala aġent lokali tirrispondi għall-allegazzjonijiet tal-attriċi; tirrespinġi l-allegazzjonijiet tal-attriċi bħala nfondati fil-fatt u fid-dritt u tiċħad li kien hemm xi nuqqasijiet da parti tagħha li jagħtu lok għar-responsabbilita` għad-danni; fi kwalunkwe każ, jekk kien hemm xi nuqqas da parti tagħha, jeħtieġ li jintwera jekk kienx hemm responsabbilita` kontributorja ta' terzi li m'humiex parti mill-kawża, wara kollox *ex admissis* kien il-kaptan li volontarjament ħarab mill-ibħra territorjali Maltin wara li tefa' s-sistema ta' *satellite tracking;* fi kwalunkwe` każ jeħtieġ li l-attriċi tipprova li sofriet danni, kif ukoll jeħtieġ li ssir il-prova tal-*quantum* tad-danni.

11. Permezz tas-sentenza tagħha tal-20 ta' Ġunju, 2017, filwaqt li l-ewwel Qorti ċaħdet l-eċċezzjoni tal-Awtorita` dwar l-intempestivita` tal-azzjoni, ċaħdet it-talbiet attriċi, bl-ispejjeż kontra l-istess attriċi.

12. Is-soċjeta` attriċi ħassitha aggravata bl-imsemmija sentenza u għalhekk interponiet appell minnha. L-appell tagħha jissejjes fuq żewġ aggravji prinċipali:

(I) li sar apprezzament żbaljat tal-Artikoli 856 u 857; u

(II) in-ness ta' kawżali bejn id-dannu u l-kawża tiegħu.

In kwantu ħadd mill-partijiet ma appella mill-kap tas-sentenza li permezz tiegħu ġiet miċħuda l-eċċezzjoni tal-awtorita` konvenuta dwar l-intempestivita` tal-azzjoni, din illum il-ġurnata tikkostitwixxi ġudikat u ma hemmx lok li tiġi nvestita ulterjorment.

13. Illi għandu jingħad mal-ewwel li din il-Qorti tqis li għandha raġun is-soċjeta` appellanti meta fl-ewwel aggravju tagħha jingħad minnha li sar apprezzament żbaljat tal-Artikoli 856 u 857 tal-liġi. Għalkemm huwa minnu li fis-sottomissjonijiet tagħha quddiem l-ewwel Qorti, s-soċjeta` appellanti enfasizzat ir-responsabbilita` tal-Awtorita` konvenuta a tenur tal-Artikolu 857 tal-Kap.12 tal-Liġijiet ta' Malta, l-ewwel Qorti ġustament eżaminat kemm l-Artikolu 857, kif ukoll dak preċedenti l-Artikolu 856, li wkoll jitratta l-effett li jkollu mandat ta' arrest, jiġifieri li kemm jaqbad, kif ukoll jissekwestra l-biċċa tal-baħar, in kwantu ż-żewġ provvedimenti tal-liġi għandhom jinqraw flimkien. Fl-ewwel sub-inċiż tal-Artikolu 856,

jingħad espressament li l-effett ta' mandat ta' arrest ta' bastiment huwa proprju **li tinqabad il-biċċa tal-baħar u li tkun sekwestrata għand l-awtorita` li f'idejha tinsab**, **kif ukoll li jordna li l-istess awtorita` ma tirrilaxxax il-biċċa tal-baħar jew li tippermetti lid-debitur milli b'xi mod jitlaq mill-pussess tiegħu l-istess.** Apparti li l-Artikolu 857(2) jidentifika l**-Awtorita` għat-Trasport f'Malta bħala l-awtorita` li titqies li jkollha f'idejha jew taħt is-setgħa jew kontroll tagħha l-vapur jew il-bastiment arrestat**, l-ewwel sub-inċiż tal-Artikolu 857 ikompli jgħid li l-awtorita` għandha tieħu l-miżuri neċessarji sabiex l-ordni tal-Qorti tinġieb għall-attenzjoni ta' terzi. Filwaqt li fit-tielet sub-inċiż tal-istess provvediment tal-liġi jingħad li l-ispejjeż kollha li jkunu meħtieġa għall-preservazzjoni tal-bastiment arrestat mill-mument li l-mandat ta' arrest jiġi notifikat lill-awtorita`, għandhom jitħallsu mill-parti li toħroġ il-mandat, salv id-dritt tagħha li tiġbor lura dawk l-ispejjeż flimkien mal-pretensjoni tagħha.

14. Iżda mill-aktar relevanti hija n-nota marġinali għall-istess Artikolu 857 li tgħid proprju li **l-awtorita` li tinsab f'idejha l-biċċa tal-baħar titqies bħala kunsinnatarju uffiċjali**, rwol li l-ewwel Qorti naqset milli tqis fl-eżami tagħha tal-provvediment tal-liġi. Il-fatt li l-liġi nnifisha tagħti lill-awtorita` konvenuta r-rwol ta' kunsinnatarju, jfisser li din l-Awtorita` hija mhux biss mogħnija bis-setgħa u kontroll ta' bastiment issekwestrat, kif jingħad mill-appellata li jkollha fuq kull bastiment ieħor fl-ibħra territorjali,

iżda bħala kunsinnatarju l-awtorita` għandha wkoll responsabbilita` naxxenti mill-istess liġi, dik li teżerċita d-diliġenza meħtieġa fuq il-bastiment sekwestrat sabiex dan jibqa' f'idejha in kawtela tal-pretensjonijiet tal-kreditur. Kif ingħad fis-sentenza tal-Qorti tal-Kummerċ fil-kawża fl-ismijiet **Ferdinando Galea v. Angelo Axiaq et** deċiża fit-2 ta' Novembru 1954:

> *"..**l-kunsinnatarju, bhala depozitarju gudizzjarju tal-hwejjeg elevati, ghandu, skond il-ligi, juza fil-kustodja taghhom l-istess diligenza li juza ghall-kustodja tal-hwejjeg proprji**."*

(Ara f'dan is-sens is-sentenza ta' din il-Qorti tat-28 ta' Settembru, 2012, fil-kawża fl-ismijiet **Patrick Staines noe. v. Mario Tonna noe et** u s-sentenza ta' din il-Qorti (sede inferjuri) tat-8 ta' Ġunju, 2005, fil-kawża fl-ismijiet **Albert Xuereb v. Joseph Baldacchino).** Mentri l-Artikolu 290 tal-Kap.12 jipprovdi li il-kunsinnatarju għandu jaġixxi bħala missier tajjeb, għaż-żamma fiż-żgur tal-ħwejjeġ maqbuda, tant li jekk il-kunsinnatarju jonqos li jippreżenta dawk il-ħwejjeġ meta jintalab li jagħmel dan, ikun responsabbli għad-danni wara li l-Qorti tkun eżaminat iċ-ċirkostanzi tal-każ, sakemm ma jiġġustifikax in-nuqqas tiegħu.

15. Applikati l-istess prinċipji għall-każ in eżami, fil-fehma ta' din il-Qorti, l-awtorita` appellata ma rnexxilix tiġġustifika in-nuqqas tagħha li jkollha kontroll effettiv fuq il-bastiment MV Madra, tant li rnexxielu jaħrab minn Malta minkejja l-mandat ta' arrest. Huwa minnu li kien il-kaptan tal-bastiment li baqa' fil-pussess tal-bastiment u li vvjola l-ordni li kellu

riżultanti mill-mandat u ħarab aktarx sabiex jevita l-effetti li kellu l-mandat fuq il-bastiment (kif osservat ukoll mill-ewwel Qorti, fis-sentenza tagħha fil-kawża 752/2014, li kienet titratta talba għall-ħlas ta' penali fil-konfront tal-kaptan u kontra s-sidien tal-bastiment li ma ġietx appellata u li ngħatat fl-istess ġurnata bħal dik issa in eżami f'dan l-appell). Madankollu, huwa ritenut li kuntrarjament għal dak li s-sentenza appellata tagħti lil wieħed x'jifhem, ir-rwol tal-awtorita` appellata ma kenitx sempliċement li tgħarraf lill-kaptan tal-bastiment li fid-dawl tal-imsemmi mandat kellu jibqa' fl-ibħra Maltin u jobdi d-direttivi tal-Qorti, kif jingħad mill-appellata fir-risposta tagħha, kif ukoll li tissorvelja l-bastiment permezz tas-sistema tat-*tracking* li għandha permezz tal-Valletta Traffic Services fi ħdan l-istess awtorita`, iżda r-raġuni tiddetta li kunsidrati l-pretensjonijiet li kien hemm pendenti fuq l-imsemmi mandat ta' arrest, l-appellata kellha tadotta aktar miżuri għaqlija sabiex tissalvagwardja l-interessi tal-kreditur, kif ukoll tadotta aktar mezzi effettivi sabiex tosserva r-responsabbiltajiet tagħha bħala kunsinnatarju. Dan ma jfissirix li hija kellha taġixxi ta' pulizija jew li tarma xi flotta ta' *patrol boats* sabiex iżżomm il-bastiment arrestat, kif jingħad minnha fir-risposta tagħha tal-appell.

16. Il-fatt li l-liġi timponi aktar minn "setgħa u kontroll" minn dak li l-awtorita` ġeneralment għandha bħala awtorita` regolatorja responsabbli minn ħwejjeġ marittimi, nkluż fuq kull bastiment li jidħol fl-ibħra territorjali Maltin, huwa l-fatt li l-liġi fl-Artikolu 857 tuża wkoll il-kliem "f'idejha" li

tabilħaqq timplika kontroll effettiv u mhux dak ġenerali, kif tisħaq l-awtorita`. Hekk ukoll, għalkemm l-appellata tikkontendi li l-mandat ta' arrest fl-aħħar mill-aħħar jibqa' proċedura ġudizzjarja, jiġifieri ordni tal-Qorti, notifikata u enforzata permezz tal-Marixxalli tal-Qorti, l-istess awtorita` tiġi assenjata rwol speċifiku f'dan il-proċess ġudizzjarju, kif tixhed in-nota marġinali tal-imsemmi Artikolu 857 fejn jingħad li l-awtorita` hija l-kunsinnatarju uffiċjali. Kwindi l-liġi stess tassenja obbligi u setgħat fuq l-awtorita` bħala parti mill-proċess ġudizzjarju. Għalhekk din il-Qorti ma tistax tikkondividi l-ħsieb tal-awtorita` meta jingħad minnha li r-rwol tagħha huwa limitat għall-obbligu li ġġib l-arrest a konjizzjoni ta' terzi, jew li tagħmel rikors lill-Qorti fejn il-merkanzija tal-vapur jew bastiment jolqtu s-sigurta` jew it-tniġġiż, li jkun jaqbel li l-vapur jew bastiment jitlaq minn Malta u l-ibħra territorjali tagħha jew li jiġi mċaqlaq lejn xi ankraġġ partikolari fl-ibħra territorjali. Lanqas l-analoġija li l-awtorita` tittanta tagħmel bejn mandat ta' arrest ma' mandat ta' inibizzjoni ma treġix. Mhux kompitu ta' din il-Qorti tgħid x'kellhom ikunu l-miżuri li kellhom jittieħdu mill-awtorita` intimata, iżda tosserva li minn qari tal-Artikolu 857(3), huwa ndikattiv li l-liġi ma tpoġġi l-ebda limitu meta tgħid li l-ispejjeż kollha meħtieġa għall-preservazzjoni tal-vapur jew bastiment arrestat għandhom jitħallsu mill-parti li toħroġ il-mandat (li ovvjament ikollha d-dritt li tirkupra l-ispejjeż flimkien mal-pretensjoni tagħha).

17. In kwantu għall-Artikolu 856, hija l-fehma ta' din il-Qorti li meta l-liġi tipprovdi li l-mandat ikollu effett li kemm jaqbad, kif ukoll jissekwestra l-biċċa tal-baħar u li jordna lill-istess awtorita` ma tirrilaxxax il-biċċa tal-baħar jew li tippermetti lid-debitur milli b'xi mod jitlaq mill-pussess tiegħu l-istess fis-sħiħ jew in parti li jagħti jew iċedi xi drittijiet fuq l-istess, huwa ritenut li l-fatt li l-awtorita` nnotifikat lit-turretta, l-*port operations* u l-armata, u li ssorveljat il-vapur ankrat fl-ibħra Maltin bis-sistema tar-*radar,* ma jsarrafx f'kontroll effettiv mistenni minn kunsinnatarju fuq il-bastiment milqut bil-mandat ta' arrest. Il-fatt li fl-istess żmien, kien hemm każ ieħor ta' bastiment li ħarab minn Malta minkejja l-mandat ta' arrest li kien hemm fis-seħħ, huwa indikattiv ta' problema fis-sistema ta' kontroll imħaddna mill-awtorita` appellata. Huwa minnu li dawn huma biss l-eċċezzjonijiet għar-regola fejn il-parti kbira tal-bastimenti josservaw l-ordni tal-Qorti, iżda l-fatt li kien hemm din l-eċċezzjoni kellu jiftaħ għajnejn l-awtorita` dwar il-ħtieġa li tirrevedi d-drawwiet tagħha. Ċertament l-awtorita` ma tistax issostni li l-aġir tal-kaptan f'dan il-każ ma kienx prevedibbli. Kwindi jinkombi fuq l-awtorita` bħala kunsinnatarju li tikkonvinċi lill-Qorti li hija eżerċitat id-diliġenza ta' missier tajjeb fir-rwol tagħha ta' kunsinnatarju fil-każ in eżami.

18. Għalkemm l-appellata tagħti bħala raġuni l-fatt li n-numru kbir ta' bastimenti miżmumin b'arrest f'Malta jagħmilha nkonvenjenti li l-vapur jinżamm ġewwa l-port minħabba raġunijiet ta' spazju, ma tressqet l-ebda

prova li fil-mument li kien fis-seħħ dan il-mandat ta' arrest, tant kien hemm mandati ta' arrest fis-seħħ li għamluha mpossibbli għall-awtorita` li ssib irmiġġ disponibbli taħt il-kontroll tagħha. Hekk ukoll, l-awtorita` ssostni li minħabba l-operat kontinwu tal-port lanqas ma huwa possibbli li bastiment arrestat jinżamm qrib ħafna tal-port sabiex jidher mit-turretta, minħabba li l-*port approach* (li fiha kejl ta' madwar 6.9 mili nawtiċi kwadrati) għandu jinżamm liberu, minħabba materja tas-sigurta` fin-navigazzjoni, iżda ma tressqet l-ebda raġuni valida l-għala l-bastiment tħalla ankrat madwar 9 mili nawtiċi 'l barra fil-*Bunker Zone 3,* jiġifieri aktar viċin it-tarf tal-ibħra territorjali (li jaslu sa 12-il mil nawtiku) u mhux per eżempju 7 mili nawtiċi 'il barra, sabiex tagħmel il-kontroll fuq il-bastiment in kwistjoni aktar effettiv u tagħmilha aktar diffiċli li jaħrab jew aktar faċli li jiġi interċettat, hekk kif is-sorveljanza tindika li kien hemm movimenti suspettużi. Għalkemm din il-Qorti tapprezza d-diffikulta` riskontrata mill-ewwel Qorti, li l-obbligu tal-awtorita` li tikkontrolla l-bastiment ta' dak id-daqs, li jibqa' fil-pussess tal-kaptan u tal-ekwipaġġ, mhix daqstant faċli, l-aġir tal-awtorita` mhux wieħed ta' missier tajjeb kif mistenni minn kunsinnatarju, in kwantu jitqies li bi ftit aktar attenzjoni l-perikolu li l-bastiment jaħrab seta' jiġi evitat. Huwa minnu wkoll li hekk kif l-uffiċjali tal-awtorita` ntebħu bil-moviment suspettuż, ħadu azzjoni mmedjata u baqgħu jsegwu l-każ f'tentattiv li jassiguraw li l-bastiment jonora l-obbligu tiegħu, iżda din l-azzjoni, fiċ-ċirkustanzi, kienet tardiva u ma kenitx biżżejjed sabiex tagħmel tajjeb għan-nuqqas preċedenti tagħha, li bħala

kunsinnatarju żżomm il-bastiment arrestat taħt il-kontroll effettiv tagħha bħala garanzija għall-kreditu pretiż mill-attriċi. Isegwi li din il-Qorti ssib li kien hemm nuqqas ta' ħsieb għaqli da parti tal-awtorita` appellata u li l-aġir tagħha jikkostitwixxi nuqqas fid-dmir ta' kontroll, impost fuqha bil-liġi bħala kunsinnatarju, li ffaċilita l-aġir tal-kaptan li jaħrab mill-ibħra territorjali Maltin.

19. Hemm qbil bejn il-kontendenti fil-kawża li f'każijiet simili ma jkunx sigur li jiġi mmobilizzat it-tmun tal-bastiment, peress dan ifisser li ma jkunx jista' jinnaviga f'każ ta' bżonn jew ta' maltemp, u b'hekk jista' jkun ta' perikolu għall-istess bastiment, l-ekwipaġġ u l-merkanzija abbord. In kwantu għad-dokumenti suġġetti għall-mandat ta' arrest, għalkemm huwa ideali li f'każijiet simili jiġu sekwestrati d-dokumenti oriġinali ta' reġistrazzjoni u ċertifikazzjoni tal-bastiment, sabiex jagħmilha diffiċli għall-bastiment li jitlaq mingħajrhom, f'dan il-każ irriżulta li, d-dokumenti annessi mal-mandat ta' arrest tal-bastiment Madra 1262/14, maħruġ mis-soċjeta` attriċi huma kopji u mhux l-oriġinali, peress li fl-istess waqt kien hemm mandat ta' arrest ieħor (1255/14) fil-konfront tal-istess bastiment Madra li nħareġ preċedentement għal dak in eżami (ara f'dan is-sens ix-xhieda bl-affidavit ta' Darren Marmara u x-xhieda tal-avukat Robert Vassallo tat-28 ta' Ottubru, 2015), li eventwalment sar kontro-mandat għalih. Isegwi li din il-Qorti ma tirriskontra l-ebda nuqqas f'dan ir-rigward fil-konfront tal-awtorita` appellata. L-appellata tilmenta li hija

m'għandhiex l-assi meħtieġa sabiex tgħasses il-bastimenti arrestati u li hija tikkollabora mal-Forzi Armati ta' Malta f'dan is-sens, iżda jiġi osservat li, n-nuqqas li l-appellata tinvesti fl-assi tagħha, jew li tħallas għas-servizzi meħtieġa, liema spejjeż għandha dritt li tirkupra skont l-Artikolu 857(3) tal-Kap.12, sabiex ikollha aktar kontroll effettiv fuq il-bastimenti arrestati, u għalhekk taqdi aħjar l-obbligi tagħha riżutanti mil-liġi, m'għandhomx jagħmlu tajjeb għalih il-kredituri bit-telf tal-garanzija tal-kreditu pretiż minnhom.

20. Imiss li jiġi ndirizzat it-tieni aggravju tas-soċjeta` appellanti, dak tan-ness ta' kawżali bejn id-dannu u l-kawża tiegħu. Is-soċjeta` appellanti tilmenta li bin-nuqqas ta' prevenzjoni, l-indifferenza u l-mod kif l-awtorita` konvenuta naqset milli effettivament iżżomm il-bastiment fl-ibħra Maltin huwa rregolari u lleċitu. Jingħad li minkejja li l-awtorita` ngħatat is-setgħat kollha bil-liġi sabiex iżżomm il-bastiment arrestat, dan ħarab u għalhekk għandha twieġeb l-istess awtorita` għan-nuqqas tagħha u mhux twaħħal fil-kaptan jew fir-Reġistratur tal-Qorti, in kwantu hija naqset li taqdi l-funzjoni tagħha u li timplimenta dak sanċit fil-liġi. Dan in-nuqqas wassal sabiex l-attriċi ssofri danni, in kwantu kif osservat mill-ewwel Qorti, jekk jirriżulta li l-awtorita` naqset fid-dmir tagħha, hija tista' tkun responsabbli fil-konfront tas-soċjeta` attriċi "*jekk il-garanzija għas-sarfien tal-kreditu pretiż safa' nieqes ħtija tal-istess awtorità li kienet responsabbli għaż-żamma fiċ-ċert tal-istess garanzija*." L-appellanti tisħaq li l-mandat ta'

arrest tal-bastiment kien l-uniku garanzija għall-pagament u d-dannu li hija bagħtiet huwa naxxenti proprju mill-fatt li l-bastiment ma baqax aktar ta' garanzija, tant li anke jekk hija tiġi kanonizzata kreditriċi b'sentenza definittiva, jkun intilef l-iskop tal-mandat kawtelatorju.

21. Jingħad ukoll mill-appellanti li t-tentattivi tal-awtorita` konvenuta li tinħareġ *Prohibition to Sail* fil-konfront tal-istess bastiment wara li ħarab, kienu inutli peress li in segwitu l-bastiment biddel il-bandiera u ġab fix-xejn l-imsemmija projbizzjoni, tant li baqa' jopera f'postijiet remoti, sakemm eventwalment ġie *decommissioned*. Kwindi m'għadux possibbli għas-soċjeta` attriċi appellanti li teżegwixxi kwalunkwe tip ta' sentenza u ma jservi xejn li tiġi kanonizzata kreditur fil-konfront ta' vapur li ma jeżistix aktar. Dan peress li d-dannu kkawżat bl-aġir tal-konvenuta jikkonsisti fil-fatt li bin-nuqqas ta' garanzija fit-territorju Malti, hija ma tistax teżegwixxi l-bejgħ tal-bastiment jew tiżbanka xi depożitu li solitament isir f'każijiet simili, minkejja li jkollha kreditu likwidat jew multa sanċita mill-Qorti, meta m'għadu jeżisti xejn li jista' jagħmel tajjeb bl-ebda mod. Il-liġi tagħti setgħa estensiva lill-awtorita` appellata sabiex iżżomm bastiment taħt il-kontroll tagħha u għalhekk l-appellanti tikkontendi li l-awtorita` appellata għandha tassumi r-responsabbilita` għad-danni mġarrba, konsegwenza diretta tal-aġir jew nuqqas ta' aġir da parti tagħha, liema nuqqas ta' aġir l-appellanti tisħaq jikkreja ness dirett mad-danni sofferti minnha. L-appellanti tispjega li jekk l-awtorita` mhix kapaċi żżomm operattiv il-

kawtela tal-mandat ta’ arrest, dan l-att importanti fis-settur marittimu, ma jibqax effikaċi u ma jifdal l-ebda garanzija, iżda jibqa’ biss spejjeż inutili. Kwindi tinsisti li n-ness bejn in-nuqqas tal-awtorita` u d-dannu mġarrab minnha huma intrinsikament ippruvati u allura l-awtorita` appellata hija responsabbli għad-danni riżultanti, li f’dan il-każ jingħad li jammontaw għal €134,317.70.

22. Kif ingħad mill-ewwel Qorti, l-azzjoni attriċi hija waħda extra-kontrattwali, għalhekk id-danni pretiżi mis-soċjeta` attriċi appellanti huma derivanti minn *culpa* akwiljana. Ir-regola ġenerali in tema ta’ danni extra-kuntrattwali, stabbilita fil-Kodiċi Ċivili hi li “*kull wieħed iwieġeb għall-ħsara li ssir bi ħtija tiegħu*” (Artikolu 1031). Ikun fi ħtija min ma jużax il-prudenza, d-diliġenza, u l-ħsieb ta’ missier tajjeb tal-familja, iżda ħadd ma jwieġeb għal nuqqas ta’ grad ikbar ta’ diliġenza (Artikolu 1032). Inoltre, skont l-Artikolu 1033 tal-Kodiċi Ċivili:

> “*Kull min, bil-ħsieb jew mingħajr il-ħsieb li jagħmel deni, għax ikun irid jew b’nuqqas ta’ diliġenza, ta’ prudenza jew ta’ ħsieb, jagħmel jew jonqos li jagħmel xi ħaġa li biha jikser xi dmir impost mil-liġi, hu obbligat għall-ħlas tal-ħsara li tiġri minħabba f’hekk*”.

F’dan l-aħħar każ, jingħad ukoll li d-danneġġjant irid ikun ikkommetta vjolazzjoni jew trasgressjoni ta’ dover li:

> “*quando si parla di colpa per omissione, si deve intendere la trasgressione di un dovere per il quale taluno era in obbligo di fare quello che non fece, giusta l’aforisma ‘qui non facit quod facere debet videtur facere adversus ea quae non facit*” (**Giorgi -** Obbligazioni Vol V pag 151).

23. Fis-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Ċivili tas-6 ta' Ottubru, 2010, fil-kawża fl-ismijiet **Vincent Chetcuti v. Direttur Ġenerali tal-Ħabs** sar eżami dettaljat tar-responsabbilita` tal-amministrazzjoni pubblika f'kawża ta' danni, fejn ingħad illi:

> *"(1) Huwa opportun li jigi registrat fl-ewwel lok illi, kif deciz, "l-accident mhux xi entita astratta izda hu fatt li gara kif inhu fix-xorta u l-entita tieghu; event bl-incidenti inerenti mieghu in kwantu minnu jidderivaw danni; il-kwestjoni mhix biss ta' kawzalita` izda wkoll ta' responsabilita`, u min bin-negligenza tieghu kkawza jew ikkontribwixxa biex jikkawza d-danni li jkunu graw ikun ikkawza jew ikkontribwixxa biex jikkawza l-'accident' u pro tanto hu responsabbli ghalihom". Ara "Joseph Cachia - vs- Carmelo Conti et", Appell Civili, 2 ta' Marzu, 1964;*
>
> *(2) Issa skond is-sistema generali tal-ligi taghna taht il-Kodici Civili hu principju primarju li kull wiehed iwiegeb ghall-hsara li tigri bi htija tieghu (Artikolu 1031) – biex ikun hemm din il-htija hemm bzonn, skond l-Artikolu 1033, li jaghmel jew jonqos li jaghmel xi haga li biha jikser xi dmir impost mil-ligi, jigifieri d-danneggjant, f'dan il-kaz il-Gvern, irid ikun ikkommetta vjolazzjoni jew trasgressjoni ta' dover skond il-ligi. Ara "Emmanuele Cassar -vs- Onor. Dr. Giorgio Borg Olivier nomine et", Appell Civili, 26 ta' Jannar, 1962;*
>
> *(3) Ma jistax jonqos li f'din l-ekwazzjoni jinserixxi ruhu l-parametru standard ta' dik id-diligenza li jippreciza l-Artikolu 1032 ta' l-istess Kodici ispirata minn dik id-dottrina indikanti "una forma di attenzione nei confronti dell'altrui sfera giuridica, che si traduce generalmente nell'obbligo di adottare una condotta positiva o di svolgere una certa attività secondo particolari modalita; si indica, quindi, il comportamento di un soggetto attento ed oculato nel raggiungimento di un determinato fine". Ara Franzoni "Le obbligazioni da fatto illecito", Edizione Utet, 2004 pagna 25 citata b'approvazjoni fis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell, sede Inferjuri, fl-ismijiet "Citadel Insurance plc - vs- Paul Berry et", 24 ta' Jannar, 2007. Ara fuq dan il-punt para. 473 tar-relazzjoni peritali;*
>
> *(4) Il-principju gie rivalutat bosta drabi u b'mod aktar specifiku, fil-kaz ta' responsabilita` ta' l-amministrazzjoni pubblika, fis-sentenza "Giuseppe Xuereb et -vs- Perit Carmelo Micallef nomine et", Prim' Awla, Qorti Civili, 3 ta' Ottubru, 1953 fejn inghad illi "jekk il-Gvern ikun hareg mill-gusti limiti tad-drittijiet tieghu, jekk kiserx il-ligi u kkagnuax lezjoni ingusta lid-drittijiet tal-privat, huma kwestjonijiet li jigu ezaminati fil-mertu tal-kawza b'mod li l-Gvern ma jistax a priori u b'mod pregudizzjali, jippretendi li m'huwiex responsabbli ghall-hsara reklamata mill-attur kontra tieghu";*

*(5) Il-Qorti ta' l-Appell fis-sentenza taghha in re: "Elmo Insurance Services Limited -vs- PC 537 Joseph Micallef u Kummissarju tal-Pulizija", 5 ta' Ottubru, 2001 abilment issoktat tirritjeni illi "filwaqt li s-sistema nostrana indubbjament jirresponsablizza wkoll lill-impjegat fl-amministrazzjoni pubblika u tassoggettah personalment ghar-responsablita` personali u konsegwenzjali ghall-agir tieghu fil-qadi tad-doveri tieghu, dan ma jfissirx illi l-Istat ma jistax ukoll, f'cirkostanzi kongruwi, jkun ukoll responsabbli wahdu jew flimkien ma' l-impjegati tieghu ghal tali danni. Dan propju bhala konsegwenza ta' mal-amministrazzjoni provata jew inadegwatezza amministrattiva li tkun tammonta ghal traskuragni, negligenza jew inosservanza ta' dawk in-normi li l-amministrazzjoni xierqa ta' hwejjeg pubblici kienet tissuggerixxi u li n-nuqqas ta' tharis taghhom seta' jkun il-kawza ta' dannu lic-cittadin. Din il-Qorti allura tirritjeni li r-responsablita` amministrattiva f'Malta, ghalkemm tifforma parti mid-dritt pubbliku, kienet ukoll regolata minn dawk il-provvedimenti fid-dritt privat u cjoe fid-dritt ordinarju li kienu applikabbli ghac-cittadini privati sakemm il-ligi ma kienetx specifikatament tezenta lill-amministrazzjoni pubblika minn tali responsabilita`";*

*(6) Verament, dan l-orjentament prevalenti hu wkoll hekk konsolidat mill-Qorti tal-Kassazzjoni Taljana u fejn jinsab precizat illi "l'attività della Pubblica Amministrazione, anche nel campo della pura descrezionalità, deve svolgersi nei limiti posti non solo dalla legge, ma anche alla norma primaria del 'neminem laedere', per cui, in considerazione dei principii di legalità, imparzialità e buona amministrazione, dettati dall'art 97 della Costituzione. La Pubblica Amministrazione è tenuta a subire la conseguenze stabilita dall'articolo 2043 c.c." (komplimentari ghall-Artikolu 1031 tal-Kodici Civili taghna). Ara Cass. 17 ta' Ottubru, 2001, Numru 2043 u 27 ta' Lulju, 1998 Numru 7339);*

*(7) Sostanzjalment, identika kemm ghad-dottrina moderna u dik aktar antika (ara Fadda, "Giurisprudenza del Codice Civile", Vol. V p 721) "hu imprexindibilment rikjest sabiex ikun hemm lok ghad-danni li jkun hemm ness ta' kawzalita` bejn il-fatt kolpevoli u l-event dannuz". Ara "John Debono et -vs- Negte Joseph Muscat proprio et nomine", Appell Kummercjali, 26 ta' Frar, 1960 u "Giovanni Sare` -vs- Carmelo Farrugia et", Appell Kummercjali, 6 ta' Frar, 1928;*

*(8) Wisq ragonevolment, kif saput, ghal fatt jew l-att jekwivali l-ommissjoni individwabbli fuq il-bazi ta' norma tal-ligi jew ta' qaghda specifika li tesigi attivita` determinata ghat-tutela tad-dritt ta' haddiehor. Jikkonsegwi illi r-rapport ta' kawzalita jsehh dejjem fejn jigi individwat obbligu posittiv ta' kondotta li l-inosservanza taghha ggib fuq il-bazi tal-gudizzju tal-kawzalita l-event dannuz. Dan ighodd ukoll fil-kaz ta' kolpa ravvizabbli fl-Amministrazzjoni Pubblika. Id-dottrina hi wkoll f'din l-istess direzzjoni. Hekk skond Figone – Spallarossa, "La colpa in la responsabilita` civile", Torino, 1987, p. 50) fir-rigward tal-*

> *kolpa omissiva jinghad illi "è implicito nella stessa nozione di negligenza, imperizia ed imprudenza l'aver omesso una cautela, che sarebbe servita per evitare l'evento". U skond il-Franzoni (Op. cit. pagna 41) ir-responsabilita` ghal kolpa omissiva intiza f'sens strett u tekniku "viene in essere allorquando l'evento è derivato dalla mancata attività del responsabile, il quale aveva l'obbligo giuridico di attivarsi". F'sens bejn wiehed u iehor l-istess hi d-dottrina klassika. Skond il-Giorgi ("Obbligaz. Vol. IV para 151) "quando si parla di colpa per ommissione si deve intendere la trasgressioni di un dovere, per il quale taluno era in obbligo di fare quello che non fece, giusta l'aforisma 'qui non facit quod facere debet videtur, facere adversus ea quae non fecit'."*

24. Meta tqis dan kollu, ġialadarba din il-Qorti rriskontrat nuqqas fl-aġir tal-awtorita` appellata, kif hawn qabel spjegat fil-paragrafu 18, liema nuqqas jikkostitwixxi nuqqas fid-dmir ta' kontroll effettiv, impost fuqha bil-liġi bħala kunsinnatarju, jfisser li hija għandha twieġeb għad-danni riżultanti konsegwenza tan-nuqqas tagħha. Jiġi ribadit li l-appellata ma tistax tinħeba wara d-diffikulta` li taqdi l-inkarigu tagħha assenjat lilha bil-liġi, minħabba n-nuqqas ta' assi disponibbli għaliha, peress li kif ingħad qabel, bi ftit miżuri prudenti u diliġenti konsonanti mal-aġir ta' *bonus paterfamilias* setgħet taqdi aħjar ir-rwol tagħha ta' kunsinnatarju, li kien iwaqqaf jew ixekkel il-ħarba tal-bastiment arrestat. Bla dubju, l-awtorita` appellata kienet f'pożizzjoni li tipprevedi r-riskju li l-bastiment jaħrab, hekk kif irriżulta li kien hemm inċident preċedenti fejn bastiment ħarab, kwindi dik il-prevedibilita` tkompli titfa' responsabbilita` akbar fuq l-awtorita` appellata, li fin-nuqqas tagħha li twettaq l-obbligi ta' kunsinnatarju, kif mistenni minn missier diliġenti, kienu kawża ta' ħsara lil ħaddieħor u għalhekk ukoll għandha twieġeb għad-danni. Id-dottrina legali tagħti

diversi definizzjonijiet tal-"culpa". **Carrara** (Programma, Parte Generale, Vol. I para. 80) jikkummenta hekk:

> "*Si mutino come piace le formule, ma il tripode sul quale si asside la colpa sara` sempre questo (1) volontarieta` dell'atto, (2) mancata previsione dell'effetto nocivo, (3) possibilita` di prevedere.*"

Aktar 'l isfel eżattament fil-paragrafu 83, dan l-awtur jirribadixxi hekk:

> *"...... la essenza della colpa sta tutta nella prevedibbilita`"*

25. In-nuqqas tal-awtorita` konvenuta appellata li teżerċita d-dmir tagħha impost mil-liġi b'mod adegwat, għandu jwassal għall-konkluzjoni li hija għandha twieġeb għall-pretensjoni tas-soċjeta` attriċi appellanti għad-danni, peress li bl-aġir tal-appellata, l-garanzija li kellha l-appellanti b'ħarsien tal-kreditu pretiż minnha spiċċa fix-xejn, meta kienet l-istess appellata li kienet responsabbli għall-ħarsien tal-istess garanzija permezz tal-kontroll effettiv li kellha teżerċita fuq il-bastiment arrestat. Isegwi li fid-dawl tal-konsiderazzjonijiet premessi, din il-Qorti ma tistax taqbel mal-konklużjoni tal-ewwel Qorti meta jingħad minnha li ma ġiex ippruvat in-ness kawżali bejn id-dannu u l-kawza tiegħu riżultanti min-nuqqas tal-awtorita` fl-eżerċizzju tad-doveri tagħha, iżda din il-Qorti tinsab sodisfatta li jirriżulta n-ness bejn l-aġir kolpuż tal-awtorita` appellata u l-*event* dannuż imġarrab mis-soċjeta` attriċi appellanti.

26. Din il-Qorti ma taqbilx mal-argument imressaq min-naħa tal-awtorita` appellata, meta jingħad minnha li lil hinn mill-aġir tal-awtorita`,

d-danni pretiżi huma riżultat tal-aġir malizzjuż tal-kaptan u tal-membri tal-ekwipaġġ tiegħu li probabbilment fuq struzzjonijiet jew in kollużjoni mas-sidien tal-bastiment għażlu li jiksru l-ordnijiet tal-Qorti u d-direttivi tal-istess awtorita`, li kkontribwew għall-ħsara mġarrba mill-appellanti, jimmeritaw li jiġu nvestiti fil-kuntest tal-element ta' kontributorjeta`, li jista' jwassal għal esklużjoni tal-ħtija tal-konvenuta appellata. Għalkemm din il-Qorti tosserva li hu prinċipju aċċettat illi fil-preżenza ta' pluralita` ta' atti jew ta' ommissjonijiet kolpużi li jsiru fl-istess żmien li huma imputabbli lil persuni diversi, kull wieħed mill-awturi ta' dawn l-istess atti jew ommissjonijiet jista' jirrispondi għall-*event* dannuż riżultanti, f'dan il-każ ma tqisx li għandu jiġi adottat il-prinċipju l-ieħor tal-attribuzzjoni esklussiva tad-dannu għall-kondotta tal-kaptan u l-ekwipaġġ li tabilħaqq kisru l-ordni tal-Qorti. Dan għar-raġuni li minkejja li jirriżulta li tabilħaqq il-kaptan kellu rwol determinanti fil-ħarba tal-bastiment, in kwantu b'malizzja rraġġira s-sistema ta' sorveljanza, din il-Qorti tqis li kull att jew ommissjoni għandu jġorr miegħu l-element kawżattiv tad-dannu, jekk jiġi determinat li, mingħajr il-wieħed jew l-ieħor, l-event dannunż ma kienx iseħħ.

27. Għalkemm din il-Qorti, dwar l-eċċezzjoni ta' kontributorjeta` ta' terzi, setgħet tqis li r-responsabbilita` għad-danni tiġi spartita bejn l-awtorita` appellata u l-kaptan tal-bastiment, iżda l-aġir tal-kaptan ma seta' qatt jitqies bħala skużanti u ma jeżonorax lill-awtorita` appellata milli

teżerċita d-dmir tagħha ta' kontroll fuq bastiment arrestat skont kif tipprovdi l-liġi. Madankollu l-awtorita` konvenuta appellata qatt ma talbet is-sejħa fil-kawża tal-istess kaptan, kif kellha kull jedd li tagħmel skont kif jitlob l-Artikolu 1050(2) tal-Kodiċi Ċivili. F'każijiet ta' danni fejn il-parti konvenuta tipprova teħles mir-responsabbilta` billi tipponta subgħajha lejn ħaddieħor, il-Qrati ma jħarsux b'wisq favur lejn atteġġament bħal dan, jekk dik il-parti konvenuta minkejja li tqis li terz għandu jirrispondi għall-pretensjonijiet attriċi, naqset li tressaq dak it-terz fil-kawża. M'huwiex xieraq li għal dan il-fatt, tbati s-soċjeta` attriċi appellanti (li ndirizzat il-pretensjonijiet tagħha kontra l-parti konvenuta) u jinħeles min kellu parti mill-ħtija. Wara kollox il-Qorti ma tistax titfa' ħtija fuq min ma jkunx parti mill-kawża. Kwindi din il-Qorti m'għandhiex triq oħra ħlief li ssib li l-awtorita` appellata għandha twieġeb għad-danni mġarrba mill-appellanti, peress li din ġiet meqjusa responsabbli għad-danni mġarrba kif spjegat qabel, salv id-dritt tagħha ta' rivalsa kontra l-kaptan involut. Ma hemmx lok għal aktar spekulazzjoni dwar xi sehem li seta' kellha terza persuna li lanqas biss issejjħet fil-kawża.

28. Ngħaddu mela għall-konsiderazzjonijiet dwar ir-rimedju.

29. Il-konvenuta ressqet eċċezzjoni dwar intempestivita`, peress illi l-proċeduri kontra l-bastiment għall-kanonizzazzjoni tal-kreditu pretiż mill-attriċi (rik. 775/2014) kienu għadhom pendenti meta nfetħet il-kawża

tallum. Dik l-eċċezzjoni ġiet miċħuda mill-ewwel Qorti u ma sar ebda appell minn dik id-deċiżjoni.

30. Dan ifisser illi din il-kawża tallum ma kellhiex għalfejn tistenna sakemm tinqata' dik kontra l-bastiment. Ir-raġuni għal dan hija illi d-dannu li ġarrbet l-attriċi tallum bin-nuqqas tal-konvenuta kien it-telf tal-garanzija li jagħtiha l-arrest tal-bastiment, u garanzija, bħala rimedju kawtelatorju u mhux esekuttiv, ma tistenniex l-eżitu tal-kawża fuq il-meritu. Ma jfissirx iżda illi r-rimedju li jista' jingħata fil-kawża tallum ma jiddependix fuq l-eżitu tal-kawża l-oħra għax, naturalment, jekk ma tintrebaħx il-kawża kontra l-bastiment, u l-kreditu ma jiġix kanonizzat, ma jkun hemm ebda kreditu x'jiġi kawtelat u l-garanzija ma tkun tiswa xejn.

31. Ġara iżda illi l-attriċi għażlet illi ċċedi l-kawża kontra l-bastiment, x'aktarx għax wara li ħarab il-bastiment dehrilha li jkun inutli tikseb sentenza li ma tistax tiġi esegwita. L-attriċi iżda għamlet ħażin. Meta nfetħet il-kawża l-bastiment kien Malta u għalhekk soġġett għall-ġurisdizzjoni tal-qrati Maltin, u dik il-ġurisdizzjoni ma ġietx nieqsa bis-saħħa tal-att illeċitu li għamel il-bastiment meta ħarab. Li kieku tkompliet il-kawża kontra l-bastiment u ntrebħet mill-attriċi, is-sentenza ma kinitx tkun inutli, għax, ladarba l-garanzija ntilfet bi ħtija tal-konvenuta tallum, il-konvenuta stess kien ikollha tagħmel tajjeb għan-nuqqas tagħha billi

tagħti garanzija hi stess. Ladarba iżda l-attriċi ċediet il-kawża kontra l-bastiment, il-garanzija tkun inutli fin-nuqqas ta' kreditu kanonizzat.

32. Fi kliem ieħor, dak li tilfet l-attriċi bi ħtija tal-konvenuta ma kienx il-kreditu pretiż kontra l-bastiment, u ma kinitx lanqas il-possibilita` li tikseb kanonizzazzjoni ta' dak il-kreditu; li tilfet hi l-garanzija li setgħet tinqeda biha biss jekk u meta tikseb dik il-kanonizzazzjoni. Dik il-kanonizzazzjoni issa tilfitha bi ħtija tagħha stess, għax, bla ma kellha għalfejn, għażlet illi ċċedi l-kawża kontra l-bastiment. Dan ifisser illi r-rimedju li tista' tingħata kontra l-konvenuta – li din tagħtiha dak li tilfet bi ħtija tagħha, *viz.* il-garanzija li jekk tirbaħ il-kawża kontra l-bastiment titħallas – ma jkun jiswielha xejn, u jkun inutli li jingħatalha.

33. Il-Qorti għalhekk tirriforma s-sentenza appellata:

i. tikkonfermaha fejn ċaħdet l-eċċezzjoni ta' intempestivita`;

ii. tħassarha fejn ċaħdet l-ewwel talba, u, minflok, tilqa' l-ewwel talba fis-sens biss li tgħid illi l-konvenuta għandha twieġeb għad-danni li kienet iġġarrab l-attriċi li kieku din ma setgħetx tesegwixxi sentenza li setgħet tikseb kontra l-bastiment *MV Madra* fl-atti tar-rikors 775/2014 quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili;

iii. tikkonfermaha fejn ċaħdet it-tieni u t-tielet talbiet peress illi, fin-nuqqas ta’ kanonizzazzjoni tal-kreditu pretiż kontra *MV Madra*, l-attriċi ma ġarrbet ebda dannu bit-telf tal-garanzija li seħħ bi ħtija tal-konvenuta.

34. Fiċ-ċirkostanzi, l-ispejjeż, kemm tal-ewwel grad u kemm tal-appell, jinqasmu bin-nofs bejn il-partijiet.

| | | |
|---|---|---|
| Giannino Caruana Demajo | Tonio Mallia | Anthony Ellul |
| President | Imħallef | Imħallef |

Deputat Reġistratur
da